**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* UAB "ARVI" ir ko

*Konvenut:* Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

**Dispożittiv**

1) L-Artikoli 135 u 137 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt ta' persuna taxxabbli li tagħżel li l-bejgħ ta' proprjetà immobbli ikun suġġett għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-kundizzjoni li din il-proprjetà tiġi ttrasferita lil persuna taxxabbli li, fil-mument tal-konklużjoni tat-tranżazzjoni, tkun diġà rreġistrata għall-finijiet tal-VAT.

2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 kif ukoll il-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li skont dawn il-bejjiegħ ta' proprjetà immobbli huwa obbligat li jaġġusta t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imħallsa fuq din il-proprjetà wara r-rifjut li jiġi rrikonoxxut lilu d-dritt ta' għażla għat-tassazzjoni ta' dan il-bejgħ minħabba li, fid-data ta' dan il-bejgħ, ix-xerrej ma ssodisfax il-kundizzjonijiet previsti għall-eżerċizzju, mill-bejjiegħ, ta' dan id-dritt. Għalkemm l-użu effettiv tal-proprjetà immobbli inkwistjoni mix-xerrej fil-kuntest ta' attivitajiet suġġetti għall-VAT huwa irrilevanti f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti madankollu huma obbligati jivverifikaw l-eżistenza eventwali ta' frodi jew ta' abbuż fir-rigward tal-persuna taxxabbli li kellha l-intenzjoni li teżerċita d-dritt tagħha ta' għażla għat-tassazzjoni tat-tranżazzjoni inkwistjoni.

(1) ĠU C 128, 12.4.2021.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-30 ta' Ġunju 2022 – Laure Camerin vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-63/21 P)** (1)

***(Appell – Servizz pubbliku – Ex uffiċjal – Żamma ta' ammonti mill-pensjoni ta' anzjanità – Implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' qorti nazzjonali – Rikors għal annullament u għad-danni)***

(2022/C 318/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Laure Camerin (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukata)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. S. Bohr u D. Milanowska, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Laure Camerin hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(1) ĠU C 228, 14.6.2021.